MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 488/1997/1

Pierre Fava
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991/1995 huwa sofra ingustizzja meta minkejja li huwa kien applika diversi drabi sabiex jigi ingaggat fil-Korp tal-Pulizija huwa kull darba gie rifjutat.

Illi fl-applikazzjoni tieghu huwa kull darba gie rrifjutat. Jidher li sahansitra din kull darba s-sehh ghal ftit marki meta huwa persuna kwalifikata u kapaci ghal din il-hidma ta' dixxiplina, serjeta` u attenzjoni tant li gie maghzul bhala suldat fil-Forzi Armati u qieghed iservi dmiru regolarment

u kostantement. Zgur li ma jistax jinghad li huwa aktar oneruz li tkun pulizija milli suldat anzi f'certi mumenti huwa proprju l-oppost.

Illi quddiem dan ir-rifjut ripetut, ingust u li ma fihx ebda spjegazzjoni r-rikorrent xtaq iressaq xhieda biex isahhu l-kaz tieghu kif jidher mill-elenku anness mar-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi, u jinvestiga bir-reqqa dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jekk il-kaz ikun gustifikat jinghata impieg minn dak iz-zmien jew jekk dan ir-rimedju ma jkunx jista' jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li jistabilixxi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi dwar dak allegat fir-rikors huwa kellu jikkummenta s-segwenti:

Illi r-rikorrent kien applika sabiex jidhol fil-Kors ta' tahrig ghal Kuntistabbli tal-Pulizija darbtejn.

Illi l-ewwel applikazzjoni tieghu hija datata 3 ta' Mejju 1994 li kienet b'risposta ghas-sejha li kienet giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' April 1994. Wahda mir-rekwiziti kienet li l-kandidat kien mehtieg li joqghod ghall-intervista selettiva intiza biex ikunu maghrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidat, bhal personalita`, sveltezza, intelligenza, imgieba personali kortesija u sens komun. Il-kandidati li ma jghaddux mill-intervista ma jithallewx jidhlu fil-kors ta' tahrig.

Illi t-tieni applikazzjoni hija datata 27 ta' Frar 1995 li kienet skond is-sejha fil-Gazzetta tal-Gvern datata 17 ta' Frar 1995.

Illi r-rekwiziti ta' din is-sejha kienu bhal dik ta' qabel.

Fiz-zewg okkazzjonijiet ir-rikorrent ma lahaqx il-livell rikjest minnu sabiex ikun jista' jghaddi mill-intervista. Illi l-kwalitajiet li ghandha jkollha persuna biex tigi impjegata fil-Korp tal-Pulizija huma specifikati fl-istess sejha ghall-applikazzjonijiet u ma jfissirx li persuna li tkun giet kostatata li ma tilhaqx il-livell rikjest tkun awtomatikament sofriet distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li hu kien applika darbtejn sabiex jingagga ruhu mal-Pulizija. Dawn kienu xi disa' snin u hames snin qabel ma xehed fejn kien wehel fit-tnejn li huma. Qal li l-ezami fiz-zewg istanzi kien l-istess u semma li fl-ewwel ezami hassu mar tajjeb izda fit-tieni kien konvint li mar ahjar ghax kien aktar preparat. Semma li d-domandi waqt l-ezami kienu ta' natura generali bhal x' livell edukattiv kellu, staqsewh biex jaqra bl-Ingliz u bil-Malti, u x' kienet ir-raguni ghax xtaq jidhol jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija fejn hu wiegeb li biex jghin il-pajjiz u x-xoghol kien joghgbu u jattirah.

Semma li llum il-gurnata ingaggat fl-Armata u kull meta japplika ghal xi course dejjem ghadda b' success, bhal ma hu l-Course B3 fuq Combat Engineering, B3 Clerk fl-Army, A3 Plant Operator, B2 Combat Engineering fl-Italja u B2 fil-Plumbing.

Semma li l-ghada li ghamel l-ezami ghal Pulizija kien ukoll resaq ghall-ezami ma' l-Armata liema ezami kien itqal ghax kien jikkonsisti f'ezami bil-kitba ta' saghtejn b'mistoqsijiet fuq il-Matematika, Ingliz u Malti, physical test

u interview. Qal li kien ghadda u gie maghzul bhala Gunner ma' l-Armata. Semma li ghamel ezami ta' saghtejn fil-Malti, Ingliz u Maths biex ikun jista' jiehu promozzjoni ghal Bumbardier fl-Army u ghadda wkoll.

Mistoqsi mit-Tribunal x' livell ta` edukazzjoni kellu qal li spicca skola sa year 6 primarja u mbaghad wara D`Amato School 1st u 2nd year trades basic, imbaghad ghamel sena l-iskola tal-Marsa fuq it-tornijiet, u wara mar Bighi biex jaqbad it-trade ta` Marine Plumbing. Semma li kien jahdem barra mal-SGS u ma' kuntrattur u kien sponsorjat mix-Shipbuilding ghal apprentistat. Qal li f' dak il-perjodu applika ghall-Armata u dahal fl-Armata.

Xehed il-Kaptan Robert Vella li semma li hu l-Ufficjal Kmandant tal-iskwadra tal-inginerija li taghmel parti mit-tielet regiment fil-Forzi Armati. Qal li lir-rikorrent jafu u huwa parti mill-grupp li jaqa' tahtu. Zied jghid li r-rikorrent kien dahal l-Armata bil-Journeyman Certificate, Marine Plumber u in segwitu hadem anke bhala Domestic Plumber. Id-date of enlistment tar-rikorrent hija l-10 ta' Lulju 1995 u hu gab numru ta' certifikati wara dik id-data.

Xehed is-Supretendent Ronald Kelly li semma li bejn l-1994 u l-1995 kienu hargu zewg calls for applications ghar-rank ta' Kuntistabbli fejn l-ewwel kellhom jaghmlu interview selettiv u mbaghad dawk li jghaddu mill-interview, ikunu jistghu jghaddu ghall-kors fl-akkademja u mbaghad wara joghqodu ghall-ezamijiet. Fiz-zewg okkazjonijiet ir-rikorrent kien applika u gie msejjah ghall-interview izda kien wehel.

Qal li fil-call tal-1994 kienu applikaw ghall-interview 223 persuna u kienu ghaddew 93, kienu wehlu 92 u kienu fallew 83. Ghall-call tal-1995 kienu applikaw ghall-interview 275 persuna u kienu ghaddew 93, 142 kienu wehlu u 40 kienu fallew. Semma li l-process kollu tar-reklutagg kienu jiehdu hsiebu mill-Ministeru tal-Intern u ghalhekk qal li ma kellux records dwar il-kriterji izda kellu biss ir-rizultat. Qal li r-rikorrent kien ikkwalifika ghall-interview izda ma ghaddiex.

Qal li fl-1994 il-bord kien kompost minn erbgha minn nies li kienu hu, is-Sur Paul Mifsud, l-Ispettur Sharon Zammit u Norman Bezzina. Fl-1995 kien hemm zewg gruppi fejn fl-ewwel grupp kien hemm hu, is-Sur Paul Mifsud u Joe Attard u fit-tieni kien hemm is-Sur Harold Harrison illum mejjet, George Vella u s-Sur Paul Miruzzi. Qal izda li l-process kien jiehu hsiebu s-Sur Paul Mifsud li kien jahdem il-Ministeru tal-Intern.

Xehed Paul Mifsud Direttur Ezekuttiv tal-Kunsill Malti tal-Kultura u Arti. Qal li kien ghamel diversi interviews pero` dwar l-interview tar-rikorrent ma jiftakarx. Semma li n-notamenti li kellu kien halliehom l-akkademja u ma kellux fil-pussess tieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent applika biex jidhol fil-Korp tal-Pulizija bhala Kuntistabbli fit-3 ta' Mejju 1994 u fis-27 ta' Frar 1995. Ir-raguni moghtija mill-intimat hija li r-rikorrent m' ghaddiex. Sa hemm kien ovvju ghax altrimenti r-rikorrent anqas biss kien jaghmel il-proceduri odjerni. Jinkombi fuq dan it-Tribunal biex jara jekk ir-rikorrent f' linja generali ghandux il-kwalitajiet pozittivi fih li jaghmluh kapaci li jkun kuntistabbli u jekk minn naha l-ohra jekk l-intimat ippruvax l-oppost.

Jinghad li l-intimat prattikament ma pprova xejn ghax ipproduca zewg xhieda u cioe` lis-Sur Paul Mifsud u lis-Supretendent Kelly. Is-Sur Paul Mifsud sempliciment stqarr li hu kien ghamel l-interviews izda ma ftakarx jekk ghamilx interview lir-rikorrent u li ghandu n-notamenti mhux fil-pussess tieghu ghax qeghdin l-Akkademja. Dawn in-notamenti qatt ma gewx prodotti.

Meta xehed is-Supretendent Kelly semma li l-process kollu tar-reklutagg kien jiehu hsiebu l-Ministeru tal-Intern u li l-Pulizija m' ghandhiex records dwar il-kriterji. Izda ma tharrket ebda persuna mill-Ministeru tal-Intern biex jipproduci dawn ir-records u b' hekk jikkonvinci lit-Tribunal li r-rikorrent ma kienx haqqu jintghazel. B' hekk naslu li ma gew prodotti ebda provi negattivi fil-konfront tar-rikorrent.

Dwar elementi pozittivi t-Tribunal jikkummenta ferm pozittivament dwar il-personalita` u l-mod kif jagixxi r-rikorrent ghax it-Tribunal f' diversi okkazjonijiet kellu lir-rikorrent prezenti quddiemu u seta' josserva kwalitajiet pozittivi fih. Ir-rikorrent jahdem fl-Armata u ghandu diversi Trades u kwalifiki u t-Tribunal ihoss li r-rikorrent certament kien jisthoqqlu li l-applikazzjonijiet tieghu jigu accettati.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------